KUNSILL LOKALI PAOLA

**MINUTI**

Laqgħa Kunsill Lokali Paola

ID-DISA’ LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09-04

L-Erbgħa 7 ta’ Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa’ fl-uffiċju amministrattiv tiegħu f’ Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola, nhar l-Erbgħa 7 ta’ Awwissu 2024. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Jason Silvio | Sindku |
| | Dominic Grima | Viċi Sindku - Onlajn |
| | Darren Lynch | Kunsillier |
| | Neville Camilleri | Kunsillier |
| | Roderick Caruana | Kunsillier |
| | Rose Piccinino | Kunsilliera |
| | Melanie Agius Attard | Kunsilliera |
| **Assenti b’apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Ħadd | |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Uffiċjal Preżenti** | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

**04.01** **Materji Finanzjarji Urġenti**

04.01.01 Is-SE irrefera għar-Risposta tal-*Management Letter 2023* (li kopja tagħhom kienet tqassmet lill-Kunsillieri qabel) fejn ta spjegazzjoni żgħira fejn qal li ma kienx hemm differenza kbira bejn l-*Unaudited* u l-*Audited Accounts* u li dak li ġie rrimarkat fil-*Management Letter* ser jiġi attwat matul din is-sena. Ir-Risposta għall *Management Letter* ġiet approvata unanimament.

04.01.02 Rigward ir-Rapport Finanzjarju – It-Tieni Kwart li kopja tiegħu kienet tqassmet qabel, is-SE ta spjegazzjoni żgħira fejn ikkonferma li l-Kunsill għandu bilanċ posittiv u li kienu għad iridu jidħlu ammont ta' flus oħra bħala *reimbursements* għal xogħol li tħallas u anke dawn ġew approvati unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:20 p.m.

**Konfermati illum l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **Jason Silvio** | **Fabian Mizzi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |